MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 261/2007

**Raymond Bonavia (ID No 685955M)**

**Vs**

**Graziella Vella (ID 486479M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) rapprezentanti l-import ta’ cheque (Dok A) li ma giex onorat mill-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u l-mandat ta’ inibizzjoni ipprezentati kontestalment u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat l-imsemmi “Dok A” a fol 2 tal-atti.

Ra r-risposta ta’ Graziella Vella (fol 17 ibid) u li biha ssottomettiet bir-rispett:-

1. Illi, in linea preliminari, il-konvenuta m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur.
2. Illi preliminarjament ukoll, l-attur qatt ma seta’ jipprocedi kontra l-konvenuta biss a bazi ta’ cheque m’hux onorat, bhal qisha azzjoni kambjarja, izda kellu jipprocedu se mai a bazi ta’ inadempjenza in konnessjoni ma’ ftehim ta’ bejn il-partijiet (liema ftehim ma jezistix bejn il-kontendenti fil-kawza odjerna).
3. Illi, fil-mertu, l-pretensjoni attrici hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi xoghol li kellu jigi res lill-konvenut qatt ma sar;
4. Illi, fil-mertu wkoll, qatt ma ezista ftehim bejn il-kontendenti f’din il-kawza.
5. Salv difizi ulterjuri meta u hekk kif premessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 20 u fol 21 ibid.

Rat id-dokument a fol 23 et seq ibid.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 36 u fol 62 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet kif sottomessi mill-konvenuta.

Illi l-attur qed jibbaza din l-azzjoni prettament fuq ‘cheque’ esebit ‘in fotokopja’ a fol 2 u fol 11 tal-atti mill-liema dokument jirrizulta illi l-konvenuta harget ic-‘cheque’ in kwistjoni fid-9 ta’ Mejju 2007 b’import ta’ Lm4,500 pagabbli lill-attur. Minnu jidher illi l-istess cheque ma kienx gie imsarraf mill-Bank meta gie girat favur l-istess Bank u difatti hemm miktub li gie ‘referred to drawer’ bid-data tat-20 ta’ Lulju 2007.

Illi, in rigward <u>l-ewwel (1) eccezzjoni</u> jidher mill-fatti kif esposti illi tesisti relazzjoni <u>kemm ta’ fatt kemm guridika</u>

bejn il-partijiet involuti f’dan il-kaz. Konsegwentement, din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta.

Illi, in rigward it-tieni eccezzjoni din il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha tigi accettata t-tezi tal-attur. Difatti fil-ligi Maltija ‘cheque’ hu meqjus u konsiderat bhala titolu ta’ kreditu u ghandu l-karattru ta’ titolu negozzjabbli bhala ma ghandha l-kambjala ossija ‘bill of exchange’. Dan jfisser illi r-regoli u ligijiet applikabbli ghal kambjala huma ukoll applikabbli f’kaz ta’ ‘cheque’. Konsegwentement u a bazi ta’ dan, ‘cheque’ ukoll ghandu jkollu dik l-esistenza awtonoma indipendenti minn-negozju originali u li, minhabba fih, kien inhareg ‘cheque’. Ghalhekk il-konkluzzjoni, ghandha tkun illi “… malli ‘cheque’ jigi ffirmat, tinholoq obbligazzjoni indipendenti ghal favur tal-persuna li ghandha tigi mhallsa. B’hekk anke t-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda u Tordna l-kontinwazzjoni ta’ dan il-kaz billi jigu decizi l-meritu u l-eccezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------